ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 168

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

Volum 53
2 ta' Lulju 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 579/2010 tad-29 ta' Ġunju 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 580/2010 tad-29 ta' Ġunju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 452/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw, *inter alia*, mill-Ukraina** ........................ 12

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 581/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 dwar il-perjodi massimi għat-tniżżil ta' dejta rilevanti mill-unitajiet tal-vetturi u minn kards tas-sewwieqa** ([1]) .......... 16

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 17

DEĊIŻJONIJIET

2010/369/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ġunju 2010 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal programmi nazzjonali ta' ċerti Stati Membri fl-2010 għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta fis-settur tas-sajd** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3797)*.................................... 19

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 3 EUR**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2010/370/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2010 dwar l-allokazzjoni lil Spanja ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fit-Taqsimiet VIIIc u IXa tal-ICES bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cadiz** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4330)* .......... 22

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 579/2010

### tad-29 ta' Ġunju 2010

### li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea wara konsulatazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. **PROĊEDURA**

### I. **Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri kumpensatorji eżistenti**

(1) F'Diċembru 1999, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2597/1999 ([2]), il-Kunsill impona dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) ("il-prodott ikkonċernat") li jaqa' taħt il-kodiċi CN ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90, li joriġina mill-Indja. L-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni ta' dak ir-Regolament minn issa 'l quddiem hija msemmija bħala l-"investigazzjoni oriġinali". Il-miżuri ħadu l-għamla ta' dazju kumpensatorju ad valorem, li jvarja bejn 3,8 % u 19,1 % impost fuq importazzjonijiet minn esportaturi msemmija individwalment, b'rata ta' dazju residwali ta' 19,1 % impost fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-kumpaniji l-oħra kollha. Il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali kien mill-1 ta' Ottubru 1997 sat-30 ta' Settembru 1998.

(2) F'Marzu 2006, bir-Regolament (KE) Nru 367/2006 ([3]), il-Kunsill, wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, żamm id-dazju kumpensatorju definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 2597/1999 dwar importazzjonijiet ta' film PET li joriġina fl-Indja. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni kien mill-1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004.

(3) F'Awwissu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1288/2006 ([4]), il-Kunsill, wara reviżjoni interim rigward is-sussidjar ta' produttur ta' film PET Indjan, Garware Polyester Limited ("Garware"), emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq Garware permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(4) F'Settembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1124/2007 ([5]), il-Kunsill, wara reviżjoni interim parzjali rigward is-sussidju ta' produttur ieħor ta' film PET Indjan, Jindal Poly Films Limited ("Jindal"), qabel magħruf bħala Jindal Polyester Ltd, emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq Jindal permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(5) F'Jannar 2009, bir-Regolament (KE) Nru 15/2009 ([6]), il-Kunsill, wara reviżjoni interim parzjali mibdija mill-Kummissjoni b'inizjattiva tagħha stess dwar l-issussidjar ta' ħames produtturi Indjani tal-film PET, emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq dawn il-kumpaniji mir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

### II. **Miżuri eżistenti ta' anti-dumping**

(6) Għandu jiġi nnutat li Jindal Poly Films Limited hija suġġett għal dazju anti-dumping ta' 0 % ([7]).

### III. **Jingħata bidu lil reviżjoni *interim* parzjali**

(7) It-talba għal reviżjoni interim parzjali kienet iddepożitata minn Jindal Poly Films Limited, produttur u esportatur

([1]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([2]) ĠU L 316, 10.12.1999, p. 1.
([3]) ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15.
([4]) ĠU L 236, 31.8.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 255, 29.9.2007, p. 1.
([6]) ĠU L 6, 10.1.2009, p. 1.
([7]) ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.

mill-Indja ("l-applikant"). L-ambitu tat-talba huwa limitat għall-investigazzjoni tas-sussidju safejn għandu x'jaqsam l-applikant. L-applikant ipprovda biżżejjed evidenza prima facie li turi li ċ-ċirkostanzi rigward is-sussidju li fuqu ġew stabbiliti l-miżuri nbidlu b'mod sinifikattiv u li dawn il-bidliet huma ta' natura dewwiema.

(8) Hekk kif iddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ħabbret fid-9 ta' Settembru 2009, permezz ta' avviż ta' inizjazzjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([1]) ("Avviż tal-Bidu"), il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, limitata għall-livell ta' sussidjar lill-applikant, bil-ħsieb li tiddetermina jekk il-miżuri għandhomx jitneħħew jew jiġu emendati għall-applikant.

(9) L-investigazzjoni tar-reviżjoni parzjali interim tivvaluta wkoll il-bżonn, skont ir-riżultati tar-reviżjoni, li temenda r-rata ta' dazju li bħalissa hija applikata fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li ma ssemmewx individwalment fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 367/2006, jiġifieri d-dazju speċifikat li japplika fuq il-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Indja.

### IV. Il-perjodu ta' investigazzjoni

(10) L-investigazzjoni tal-livell ta' sussidjar kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009 ("perjodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni" jew "RIP").

### V. Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(11) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-applikant, il-Gvern tal-Indja (GTI), lil Du Pont Tejin Films, lil-Lussemburgu, lil Mitsubishi Polyester Film, lill-Ġermanja, lil Toray Plastics Europe, lil Franza u lil Nuroll, l-Italja, li jirrappreżentaw il-maġġoranza assoluta tal-produzzjoni Komunitarja tal-film tal-PET (minn hawn 'il quddiem "l-industrija Komunitarja"), bl-inizjazzjoni tar-reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati kienu mogħtija l-opportunità li jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Avviż ta' Inizjazzjoni.

(12) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan, u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

(13) Il-kummenti bil-miktub u bil-fomm ippreżentati mill-partijiet kienu kkunsidrati u, meta kien xieraq, ingħata kas tagħhom.

(14) Biex tkun tista' tikseb it-tagħrif meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant. Barra minn hekk, kien mibgħut kwestjonarju lill-GTI.

(15) Risposti mill-kwestjonarju ġew irċevuti mill-applikant u mill-GTI.

([1]) ĠU C 215, 9.9.2009, p. 17.

(16) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għad-determinazzjoni tal-issussidjar. Twettqu żjarat ta' verifika fil-bini tal-applikant u fil-bini tal-GTI f'Delhi.

### VI. Żvelar u kummenti dwar il-proċedura

(17) Il-GTI u l-partijiet interessati l-oħra kienu infurmati bil-fatti essenzjali u konsiderazzjonijiet li fuqhom kien maħsub li għandha ssir il-proposta għall-emendar tar-rata tad-dazju applikabbli għall-applikant. Huma ngħataw żmien raġonevoli biex jikkummentaw. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti kollha kienu kkunsidrati dovutament kif stabbilit iktar 'il quddiem.

## B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(18) Il-prodott kopert minn din ir-reviżjoni huwa l-istess prodott bħal dak ikkonċernat mir-Regolament (KE) Nru 367/2006, fi kliem ieħor film tal-polyethylene terephthalate (PET) li jaqa' taħt il-kodiċijiet CN ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90 li joriġina mill-Indja.

## C. SUSSIDJAR

### 1. Introduzzjoni

*Skemi mogħtija fuq bażi nazzjonali*

(19) Abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-GTI u l-partijiet l-oħra interessati u t-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-Kummissjoni, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji, ġew investigati:

(a) l-iskema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (magħrufa qabel bħala Skema ta' Liċenzjar bil-Quddiem);

(b) l-Iskema tal-Passbook għall-Intitolar tad-Dazji;

(c) l-Iskema tal-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni;

(d) 1-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni.

*Skemi reġjonali*

(e) Skema ta' pakkett ta' inċentivi (SPI).

(20) L-iskemi (a) sa (c) speċifikati hawn fuq huma bbażati fuq l-Att tal-1992 dwar il-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GTI biex joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u l-importazzjoni. Dawn ġew miġbura fil-qosor fid-dokumenti "Politika dwar l-Esportazzjoni u l-Importazzjoni" li, jinħarġu mill-Ministeru tal-Kummerċ kull ħames snin u jiġu aġġornati regolarment. Dokument wieħed dwar il-Politika tal-Esportazzjoni u l-Importazzjoni huwa rilevanti għall-PIR ta'

dan il-każ, jiġifieri l-pjan ta' ħames snin relatat mal-perjodu mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Marzu 2009 ("politika EXIM 04-09"). Barra minn hekk, il-Gvern tal-Indja stabbilixxa wkoll il-proċeduri li jirregolaw il-politika EXIM 04-09 fil-"Manwal ta' Proċeduri – mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Marzu 2009, il-Volum I" ("HOP I 04-09"). Il-Manwal ta' Proċeduri huwa aġġornat ukoll fuq bażi regolari.

(21) L-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni speċifikata taħt (d) hija bbażata fuq it-taqsimiet 21 u 35 A tal-Att tal-1949 dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Attività Bankarja, li tippermetti lir-Reserve Bank of India ("RBI") jidderieġi lill-banek kummerċjali fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni.

(22) L-iskema speċifikata fuq taħt (e) hija regolata mill-awtoritajiet tal-Istat fl-Indja.

## 2. Skema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (Advance Authorisation Scheme, "AAS")

(a) *Il-bażi legali*

(23) Id-deskrizzjoni fid-dettall tal-iskema tinsab fil-paragrafi minn 4.1.1 sa 4.1.14 tal-politika-EXIM 04-09 u l-kapitoli minn 4.1 sa 4.30 tal-HOP I 04-09. Din l-iskema kienet imsemmija L-Iskema tal-Liċenzja bil-Quddiem matul l-investigazzjoni għar-reviżjoni preċedenti li wasslet għall-impożizzjoni mir-Regolament (KE) Nru 367/2006 tad-dazju kumpensatorju definittiv preżentament fis-seħħ.

(b) *L-eliġibbiltà*

(24) L-AAS tikkonsisti f'sitt sottoskemi, kif deskritt f'iktar dettall fil-premessa (25) hawn taħt. Dawk is-sottoskemi inter alia għandhom ambitu ta' eliġibbiltà differenti. Il-manifatturi-esportaturi u n-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" manifatturi sostenituri huma eliġibbli għall-AAS għall-esportazzjonijiet fiżiċi u għall-AAS għall-ħtieġa annwali. Il-manifatturi-esportaturi li jfornu l-esportatur finali huma eliġibbli għall-AAS għall-provvisti intermedji. Kuntratturi ewlenin li jipprovdu lill-kategoriji ta' "esportazzjoni meqjus" imsemmija fil-paragrafu 8.2 tal-politika EXIM-04-09, bħal fornituri ta' unità ta' orjentazzjoni lejn l-esportazzjoni ("EOU"), huma eliġibbli għal esportazzjoni meqjus tal-AAS. Eventwalment, fornituri intermedji għall-manifatturi esportaturi huma eliġibbi għal benefiċċji ta' "esportazzjoni meqjus" skont is-sottoskemi tal-Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem ("ARO") u ħruġ ta' ittra ta' kreditu interna immedjatament kif tagħlaq dik ta' qabel.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

(25) L-awtorizzazzjonijiet bil-quddiem jistgħu jingħataw għal:

(i) *Esportazzjonijiet fiżiċi:* Din hi s-sottoskema ewlenija. Din tippermetti l-importazzjoni bla dazju ta' materjali ta' input għall-produzzjoni li tirriżulta fi prodott ta' esportazzjoni speċifiku. "Fiżiku" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Fil-liċenzja huma speċifikati konċessjoni ta' importazzjoni u obbligu ta' esportazzjoni inkluż it-tip ta' prodott ta' esportazzjoni.

(ii) *Rekwiżit annwali:* Din l-awtorizzazzjoni mhijiex konnessa ma' prodott ta' esportazzjoni speċifiku, iżda ma' grupp ta' prodotti aktar wiesa' (eż. prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur tal-liċenzja jista' – sa ċertu limitu fil-valur iffissat mill-prestazzjoni ta' esportazzjoni preċedenti – jimporta bla ħlas ta' dazju kwalunkwe input li għandha tkun użata fil-manifattura ta' kwalunkwe mill-oġġetti li jaqgħu taħt dan il-grupp ta' produzzjoni. Jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott li jirriżulta u li jaqa' taħt il-grupp ta' produzzjoni li juża dan il-materjal eżenti mid-dazju.

(iii) *Provvisti intermedji:* Din is-sottoskema tkopri l-każijiet meta żewġ manifatturi jkun beħsiebhom jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess ta' produzzjoni. Il-manifattur-esportatur li jipproduċi l-prodott intermedju jista' jimporta materjali ta' input mingħajr dazju u jista' jikseb għal dan l-għan AAS għal provvisti intermedji. L-esportatur finali jiffinalizza l-produzzjoni u huwa obbligat li jesporta l-prodott lest.

(iv) *Meqjusa bħala esportati:* Din is-sottoskema tippermetti lill-kuntrattur prinċipali li jimporta bla dazju l-materjal meħtieġ għall-produzzjoni tal-oġġetti li se jinbiegħu bħala "meqjusa esportati" lill-kategoriji ta' klijenti msemmija fil-paragrafi minn 8.2(b) sa (f), (g), (i) u (j) tal-politika-EXIM 04-09. Skont il-Gvern tal-Indja, oġġetti meqjusa esportati jirreferu għal dawk it-tranżazzjonijiet li fihom il-prodotti provvisti ma jitilqux mill-pajjiż. Numru ta' kategoriji ta' provvista huma kkunsidrati bħala oġġetti meqjusa esportati sakemm il-prodotti jkunu manifatturati fl-Indja, eż. provvista ta' prodotti lejn EOU jew lejn kumpanija lokalizzata f'żona ekonomika speċjali ("SEZ");

(v) *ARO:* Id-detentur tal-AAS li għandu l-intenzjoni li jġib l-inputs minn sorsi indiġeni, minflok ma jimporta direttament, għandu l-għażla li jġibhom permezz tal-AROs. F'dawn il-każijiet l-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem huma validati bħala AROs u huma endorsjati lill-fornitur indiġenu wara kunsinna tal-oġġetti speċifikati fiha. L-endorsjar tal-ARO tintitola lill-fornitur indiġenu għall-benefiċċji fuq oġġetti meqjusa esportati kif speċifikat fil-paragrafu 8.3 tal-politika EXIM 04-09 (fi kliem ieħor AAS għal provvisti intermedji/oġġetti meqjusa esportati, ħlas lura ta' dazju mħallas fuq oġġetti meqjusa esportati u r-rifużjoni ta' dazju tas-sisa finali). Il-mekkaniżmu ARO jirrifondi t-taxxi u d-dazji lill-fornitur minflok ma jirrifondihom lill-esportatur finali fil-forma ta' ħlas lura/rifużjoni tad-dazji. Ir-rifużjoni tat-taxxi/dazji hija disponibbli għal inputs indiġeni kif ukoll inputs importati.

(vi) *Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra:* Din is-sottoskema tkopri għal darb'oħra provvisti indiġeni lil detentur tal- Awtorizzazzjoni bil-Quddiem. Id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem jista' javviċina bank biex jiftaħ ittra ta' kreditu interna favur fornitur indiġenu. L-awtorizzazzjoni tithassar mill-bank għall-importazzjoni diretta, b'konnessjoni biss mal-valur u l-volum ta' oġġetti miġjuba minn sorsi indiġeni minflok ma jkunu importati. Il-fornitur indiġenu għandu jkun intitolat għal benefiċċji fuq oġġetti meqjusa esportati kif stabbiliti fil-paragrafu 8.3 tal-politika EXIM 04-09 (fi kliem ieħor, AAS għal provvisti intermedji/oġġetti meqjusa esportati, ħlas lura ta' oġġetti meqjusa esportati u rifużjoni ta' dazju tas-sisa finali).

(26) L-applikant ingħata konċessjonijiet skont l-AAS konnessi mal-prodott ikkonċernat matul il-PIR. L-applikant għamel użu minn tnejn mis-sottoskemi, jiġifieri (i) esportazzjonijiet fiżiċi AAS u (iii) AAS għall-meqjusa bħala esportati. Għalhekk mhux neċessarju li jkun stabbilit l-ammont ta' kumpens tas-sottoskemi mhux użati li jibqa'.

(27) Għal skop ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem huwa obbligat legalment li jżomm "rendikont veru u xieraq tal-konsum u l-użu ta' oġġetti importanti bla dazju/mixtrija lokalment" fil-format speċifikat (il-Kapitoli 4.26, 4.30 u l-Appendiċi 23 HOP I 04-09), jiġifieri reġistru tal-konsum vera u proprju. Dan ir-reġistru għandu jkun ivverifikat minn accountant estern kwalifikat/accountant tal-ispejjeż u x-xogħol li joħroġ ċertifikat li jiddikjara li r-reġistri preskritti u rekords relevanti kienu eżaminati u li l-informazzjoni mogħtija skont l-Appendiċi 23 hija vera u korretta f'kull rigward. Madankollu, id-dispożizzjonijiet imsemmija fuq japplikaw biss għal Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem maħruġa fi u wara t-13 ta' Mejju 2005. Għall-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem u l-Liċenzji bil-Quddiem maħruġa qabel dik id-data, id-detenturi huma rikjesti li jsegwu d-dispożizzjonijiet ta' verifika preċedentement applikabbli, fi kliem ieħor biex iżommu kont veru u proprju ta' konsum u użu bil-liċenzja ta' prodotti importati fil-format speċifikat tal-Appendiċi 18 (il-Kapitolu 4.30 u l-Appendiċi 18 HOP I 02-07).

(28) Fir-rigward tas-sottoskemi użati matul il-PIR mill-applikant, jiġifieri esportazzjonijiet fiżiċi u meqjusa bħala esportati, kemm il-kwota permessa għall-importazzjoni kif ukoll l-obbligu tal-esportazzjoni huma ffissati fil-volum u fil-valur mill-GTI u huma dokumentati fuq l-Awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fil-ħin tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, it-tranżazzjonijiet korrispondenti għandhom ikunu dokumentati minn uffiċjali tal-Gvern fuq l-Awtorizzazzjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet permessi skont l-AAS huwa determinat mill-Gvern tal-Indja fuq il-bażi ta' regoli standard ta' input-output ("SIONs"). Is-SIONs jeżistu għal ħafna mill-prodotti inkluż il-prodott ikkonċernat u huma ppubblikati fil-HOP II 04-09. L-iktar bidliet riċenti fis-SIONs għal film tal-PET u chips tal-PET, prodott intermedju, kienu riveduti f'Settembru 2005.

(29) Il-materjal importat biex jintuża fil-manifattura tal-prodott ma jkunx transferibbli u jrid jintuża biex ikun maħdum il-prodott esportat li jirriżulta. L-obbligazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun sodisdatta fil-limitu ta' żmien preskritt wara l-ħruġ tal-liċenzja (24 xahar b'żewġ estensjonijiet possibbli ta' sitt xhur kull wieħed).

(30) L-iskema kif deskritta hawn fuq ma nbidletx mill-aħħar reviżjoni interim parzjali dwar sussidju għall-applikant li kienet konkluża f'Jannar 2009. Madankollu, il-benefiċċju taħt din l-iskema naqas sostanzjalment kif muri fil-premessa (39) hawn taħt.

(31) L-investigazzjoni tar-reviżjoni interim ta' bħalissa stabbilixxiet li r-rekwiżiti tal-verifika stipulati mill-awtoritajiet Indjani ma kinux onorati u ma ġewx ittestjati fil-prattika. L-applikant ma żammx sistema li biha wieħed ikun jista' jivverifika liema inputs ma kinux konsumati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti, kif stipulat mill-Politika tal-Kummerċ Barrani (FTP) 2004-2009 (l-Appendiċi 23) u skont l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku. Il-reġistru tal-konsum ma kien qatt spezzjonat mill-GTI.

(32) Il-bidliet fl-amministrazzjoni tal-FTP 2004 sal 2009, li saru effettivi fil-ħarifa tal-2005 (it-trażmissjoni mandatorja tar-reġistru tal-konsum lill-awtoritajiet Indjani fil-kuntest tal-proċedura ta' redenzjoni) għadhom ma ġewx applikati fil-każ tal-applikant. Għalhekk, l-implimentazzjoni de facto ta' din id-dispożizzjoni ma setgħetx tiġi vverifikata, f'dan l-istadju.

(d) *Konklużjoni*

(33) L-eżenzjoni mid-dazji ta' importazzjoni hija sussidju fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri kontribuzzjoni finanzjarja tal-GI li tat benefiċċju lill-esportaturi investigati.

(34) Barra minn hekk, l-AAS għall-esportazzjoni fiżiċi u l-AAS għall-meqjusa bħala esportati huma b'mod ċar assoċjati fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk huma meqjusa li jkunu speċifiċi u jistgħu jiġu kontrobilanċjati skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel paragrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku. Mingħajr obbligazzjoni li tesporta, kumpanija ma tistax tikseb benefiċċji skont dawn l-iskemi.

(35) Iż-żewġ sottoskemi wżati fil-każ preżenti ma jistgħux jitqiesu sistemi permissibbli ta' ħlas lura ta' dazju jew sistemi alternattivi għall-ħlas lura ta' dazju fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Huma ma jikkonformawx mar-regoli stabbiliti fl-Anness I il-punt (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għal ħlas lura ta' dazju) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għal sostituzzjoni ta' ħlas lura ta' dazju) tar-Regolament bażiku. Il-Gvern tal-Indja ma applikax effettivament is-sistema jew il-proċedura ta' verifika l-ġdida jew l-antika tiegħu sabiex jikkonferma jekk kinux ikkonsmati inputs, u f'liema ammonti, fil-produzzjoni tal-prodott esportat (l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi li jissostitwixxu l-ħlas lura ta' dazju, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Is-SIONs għall-prodott ikkonċernat ma kinux suffiċjentement preċiżi. Is-SIONs infushom ma jistgħux jitqiesu bħala sistema ta' verifika tal-konsum attwali minħabba li l-mudell ta' dawk in-normi standard ma jippermettix lill-GTI biex jivverifika bi preċiżjoni suffiċjenti liema ammonti ta' inputs kienu konsumati fil-produzzjoni ta' esportazzjoni. Barra minn hekk, il-GTI ma wettaqx eżami addizzjonali bbażat fuq l-inputs reali involuti, għalkemm dan ikun normalment meħtieġ li jsir fl-assenza ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(II)(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku).

(36) Dawn iż-żewġ sottoskemi għalhekk jistgħu jiġu kontrobilanċjati.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(37) Fin-nuqqas ta' sistemi ta' ħlas lura ta' dazju jew sistemi ta' sostituzzoni ta' ħlas lura permessi, il-benefiċċju li jista' kontrobilanċjat huwa r-remissjoni ta' dazji ta' importazzjoni totali normalment dovuti mal-importazzjoni tal-materjali li jidħlu fil-prodott. F'dan ir-rigward, huwa osservat li r-Regolament bażiku ma jipprovdix biss għall-ammont ta' kumpens tal-eżenzjoni "żejda" mid-dazji. Skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Anness I(i) tar-Regolament bażiku biss meta l-kundizzjonijiet tal-Annessi II u III tar-Regolament bażiku jkunu milħuqa li l-eżenzjoni żejda mid-dazji tista' tkun kumpensatorja. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma kinux sodisfatti fil-każ preżenti. Għalhekk, jekk proċess ta' sorveljanza adegwat ma jkunx muri, l-eċċezzjoni msemmija fuq għal skemi ta' ħlas lura tad-dazju mhijiex applikabbli u r-regola normali tal-ammont ta' kumpens fuq l-ammont ta' dazji mhux imħallsa (finanzi ċeduti), tapplika, pjuttost milli kwalunkwe l-eżenzjoni żejda intenzjonata. Kif stabbilit fl-Annessi II(II) u III(II) tar-Regolament bażiku l-piż ma jaqax fuq l-awtorità ta' investigazzjoni biex tikkalkula din l-eżenzjoni żejda. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku, l-awtorità ta' investigazzjoni għandha tistabbilixxi biss evidenza suffiċjenti sabiex tirrifjuta l-adegwatezza tas-sistema ta' verifika allegata.

(38) L-ammont ta' sussidju għall-applikant li uża l-AAS, kien ikkalkolat abbażi ta' dazji ta' importazzjoni magħmula (dazju doganali bażiku u dazju doganali addizzjonali speċjali) fuq il-materja importata skont iż-żewġ sottoskemi matul il-PIR (numeratur). Skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, tariffi imposti neċessarjament sabiex jinkiseb is-sussidju kienu mnaqqsa mill-ammont tas-sussidju meta talbiet ġustifikati kienu magħmula. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq id-dħul mill-esportazzjoni matul il-PIR bħala d-denominatur approprjat, għax is-sussidju huwa assoċjat mal-prestazzjoni ta' esportazzjoni u ma kienx mogħti permezz ta' referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(39) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 0,7 %.

### 3. L-Iskema tal-Passbook għall-Intitolar tad-Dazji ("DEPBS")

(a) *Bażi Legali*

(40) Id-deskrizzjoni ddettaljata tad-DEPBS tinsab fil-paragrafu 4.3 tal-politika EXIM 04-09 u fil-Kapitolu 4 tal-HOP I 04-09.

(b) *L-eliġibbiltà*

(41) Kull produttur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(c) *Implimentazzjoni prattika tad-DEPBS*

(42) Esportatur eliġibbli jista' japplika għall-krediti tad-DEPBS li jiġu kkalkulati bħala perċentwali tal-valur ta' prodotti esportati skont din l-iskema. Dawn ir-rati DEPBS kienu stabbiliti mill-awtoritajiet Indjani għal ħafna mill-prodotti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Dawn huma determinati fuq il-bażi ta' SIONs, skont il-kontenut ta' inputs ta' importazzjoni preżunti fil-prodott ta' esportazzjoni u l-inċidenza ta' dazju doganali fuq dawn l-importazzjonijiet preżunti, irrelevanti minn jekk id-dazji ta' importazzjoni kinux attwalment imħallsa jew le.

(43) Biex tkun eliġibbli għall-benefiċċji taħt din l-iskema, il-kumpanija trid tesporta. Fiż-żmien [] tat-tranżazzjoni ta' esportazzjoni, għandha ssir dikjarazzjoni mill-esportatur lill-awtoritajiet fl-Indja li tindika li l-esportazzjoni qed issehh skont id-DEPBS. Sabiex il-prodotti jkunu esportati, l-awtoritajiet doganali Indjani joħorġu polza tal-esportazzjoni, matul il-proċedura tad-dispaċċ. Dan id-dokument juri, inter alia, l-ammont ta' kreditu DEPBS li għandu jkun mogħti għal dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni. F'dan il-punt, l-esportatur ikun jaf il-benefiċċju li se jirċievi. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu l-polza tal-esportazzjoni, il-GTI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni fuq l-għoti tal-kreditu tad-DEPBS. Ir-rata tad-DEPBS rilevanti biex ikun ikkalkulat il-benefiċċju hija dik applikata fiż-żmien li ssir id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni.

(44) Il-krediti tad-DEPBS huma trasferibbli mingħajr l-ebda ostakolu u validi għall-perjodu ta' 12-il xahar mid-data tal-ħruġ. Dawn jistgħu jintużaw għall-pagament ta' dazji doganali fuq importazzjonijiet sussegwenti ta' kwalunkwe prodotti importabbli b'mod mhux ristrett, minbarra prodotti kapitali. Prodotti importati b'dawn il-krediti jistgħu jkunu mibjugħa fis-suq domestiku (suġġetti għal taxxa tal-bejgħ) jew użati mod ieħor.

(45) L-applikazzjoni għal krediti DEPBS tiġi ffajljata u tista' tkopri ammont illimitat ta' tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni. De facto ma japplikawx skadenzi stretti għal krediti DEPBS. Is-sistema elettronika użata biex titħaddem id-DEPBS ma tħallix barra awtomatikament tranżazzjonijiet li jmorru lilhinn mill-iskadenza tal-perjodi ta' sottomissjoni msemmija fil-Kapitolu 4.47 HOP I 04-09. Barra minn hekk, kif provdut b'mod ċar fil-Kapitolu 9.3 tal-HOP I 04-09, applikazzjonijiet riċevuti wara li jgħaddu l-iskadenzi ta' sottomissjoni jistgħu dejjem ikunu kkunsidrati bl-impożizzjoni ta' ħlas ta' penali minuri (jiġifieri 10 % fuq l-intitolament).

(46) Instab li l-applikant uża din l-iskema matul l-RIP.

(d) *Konklużjonijiet dwar id-DEPBS*

(47) Id-DEPBS tipprovdi sussidji fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu DEPBS huwa kontribut finanzjarju mill-GTI, billi l-kreditu se jintuża eventwalment biex ipaċi d-dazji ta' importazzjoni, b'hekk jitnaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li inkella jkun dovut. Barra minn hekk, il-kreditu DEPBS jagħti benefiċċju lill-esportatur, għax iżid il-likwidità tal-kumpanija.

(48) Barra dan, id-DEPBS huwa assoċjat fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk huwa meqjus bħala speċifiku u kumpensatorju skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel sottoparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(49) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' ħlas lura ta' dazju jew sistema li tissostitwixxu l-ħlas lura ta' dazju permissibbli fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Dan ma jikkonformax mar-regoli stretti stabbiliti fl-Anness I il-punt (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għal ħlas lura ta' dazju) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għal sostituzzjoni tal-ħlas lura ta' dazju) tar-Regolament bażiku. Esportatur ma jkun taħt ebda obbligazzjoni biex jikkonsma tabilħaqq il-prodotti importati bla dazju fil-proċess ta' produzzjoni u l-ammont ta' kreditu mhuwiex ikkalkulat fir-rigward tal-inputs tabilħaqq użati. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema materjali kienu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk kienx sar ħlas żejjed ta' dazji ta' importazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-partita (i) tal-Anness I, u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett, esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji DEPBS irrispettivament minn jekk jimportax xi inputs jew le. Sabiex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta prodotti mingħajr ma juri li kwalunkwe materjal ta' input kien importat. Għalhekk, anki esportaturi li jakkwistaw l-inputs tagħhom kollha lokalment u ma jimportaw ebda prodott li jista' jkun użat bħala input, jibqgħu intitolati li jibbenefikaw mid-DEPBS.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(50) Skont l-Artikoli 3(2) u 5 tar-Regolament bażiku u l-metodoloġija tal-kalkolu użata għal din l-iskema fir-Regolament (KE) Nru 367/2006, l-ammont ta' sussidji eliġibbli għal kumpens kien ikkalkulat fit-termini tal-benefiċċju mogħti lir-reċipjent li nstab li jeżisti matul il-PIR. F'dan ir-rigward, kien ikkunsidrat li l-benefiċċju huwa impost fuq ir-reċipjent fil-ħin meta tranżazzjoni ta' esportazzjoni hija magħmula skont din l-iskema. F'dan il-mument, il-Gvern tal-Indja huwa obbligat li ma jċedix id-dazji doganali, li jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Wara li l-awtoritajiet doganali joħorġu polza tal-esportazzjoni li turi, inter alia, l-ammont ta' kreditu DEPBS li għadu jkun mogħti għal dik it-tranżazzjoni tal-esportazzjoni, il-GTI ma għandu l-ebda diskrezzjoni jekk jagħtix is-sussidju jew le. Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi li kkooperaw ipprenotaw il-krediti DEPBS fuq bażi ta' akkumulu bħala dħul fl-istadju tat-tranżazzjoni ta' esportazzjoni.

(51) Meta saru talbiet iġġustifikati, id-drittijiet li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-krediti hekk stabbiliti biex wieħed jasal għall-ammonti tas-sussidju bħala n-numeratur, skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq id-dħul mill-esportazzjoni tal-prodott kkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni bħala d-denominatur approprjat, għax is-sussidju huwa assoċjat mal-prestazzjoni ta' esportazzjoni u ma kienx mogħti permezz ta' referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(52) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 5,1 %.

4. **L-Iskema tal-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni ("EPCGS")**

(a) *Il-bażi legali*

(53) Id-deskrizzjoni fid-dettal tal-EPCGS tinsab fil-paragrafu 5 tal-politika EXIM 04-09 u fil-Kapitolu 5 tal-HOP I 04-09.

(b) *L-eliġibbiltà*

(54) Il-manifatturi-esportaturi, in-negozjanti-esportaturi "marbuta ma" manifatturi sekondarji u dawk li jipprovdu servizz huma eliġibli għal din l-iskema.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

(55) Bil-kundizzjoni ta' obbligu ta' esportazzjoni, kumpanija titħalla timporta oġġetti kapitali (ġodda u - minn April 2003 - oġġetti kapitali diġà użati li għandhom inqas minn 10 snin) b'rata ta' dazju mnaqqsa. Għal dan il-għan il-GTI, wara applikazzjoni u ħlas ta' dritt, joħroġ liċenzja EPCGS. Minn April 2000, l-iskema tipprovdi għal rata ta' dazju ta' importazzjoni mnaqqsa ta' 5 % applikabbli għall-prodotti kapitali kollha importati skont l-iskema. Sal-31 ta' Marzu 2000, kienet applikabbli rata ta' dazju effettiva ta' 11 % (inkluż ħlas ta' soprataxxa ta' 10 %) u, fil-każ ta' importazzjonijiet ta' valur għoli, kienet tapplika rata ta' dazju ta' żero. Sabiex ikun sodisfatt l-obligu tal-esportazzjoni, l-oġġetti kapitali importati jridu jintużaw biex jipproduċu ċertu ammont ta' oġġetti għall-esportazzjoni matul ċertu perjodu.

(56) Id-detentur ta' liċenzja EPCGS jista' wkoll ifittex il-beni kapitali minn pajjiżu stess. F'dan il-każ, il-manifattur indiġenu ta' beni kapitali jista' japprofitta ruħu mill-benefiċċju ta' importazzjoni ħielsa mid-dazju ta' komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' dawn il-beni kapitali. Alternattivament, il-manifattur indiġenu jista' jitlob il-benefiċċju ta' esportazzjoni meqjus fir-rigward tal-provvista ta' prodotti kapitali lid-detentur ta' liċenzja EPCGS.

(57) Instab li l-applikant uża din l-iskema matul l-RIP.

(d) *Konklużjoni dwar l-iskema tal-EPCG*

(58) Id-EPCGS tipprovdi sussidji fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis fid-dazju jikkostitwixxi kontribut finanzjarju mill-GTI, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul mid-dazju, li kieku kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-dazju jagħti benefiċċju fuq l-esportatur, għax id-dazji ffrankati mill-importazzjoni jtejbu l-likwidità tal-kumpanija.

(59) Barra minn hekk, l-EPCGS hija kontinġenti fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, billi dawn il-liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, huwa meqjus bħala speċifiku u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel sottoparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(60) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' ħlas lura ta' dazju jew sistema li tissostitwixxu l-ħlas lura ta' dazju permissibbli fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Il-prodotti kapitali mhumiex koperti mill-ambitu ta' dawn is-sistemi permissibbli, kif stabbilit fl-Anness I, il-paragrafu (i), tar-Regolament bażiku, għax mhumiex kkomsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

(e) *Il-kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(61) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq prodotti kapitali importati mifruxa fuq perjodu li jirrifletti l-perjodu ta' deprezzament normali ta' dawn il-prodotti kapitali fl-industrija kkonċernata. Skont il-prattika stabbilita, l-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, li huwa attribwibbli għall-PIR, kien aġġustat permezz taż-żieda ta' interessi matul dan il-perjodu sabiex ikun rifless il-valur totali tal-benefiċċju maż-żmien. Ir-rata ta' interessi kummerċjali matul il-perjodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni fl-Indja kien ikkunsidrat xieraq għal dan l-iskop. Meta saru t-talbiet ġustifikati, tariffi mħallsa ħlas neċessarjament biex jinkiseb sussidju kienu mnaqqsa skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku.

(62) L-applikant saħaq li l-oġġetti kapitali importati mingħajr dazju skont l-iskema EPCG għall-użu fl-unità f'Khanvel ma għadhomx jintużaw u li l-benefiċċju marbut ma' dawn l-oġġetti ma għandux jiġi inkluż fin-numeratur. Bħala tweġiba għal dan, huwa nnutat li l-applikant irċieva diġà l-benefiċċju dwar dawn l-oġġetti kapitali. Barra minn hekk, billi ma hemmx evidenza li l-applikant ma għadx għandu dawn l-oġġetti jew li mhux se jerġa' jużahom, it-talba għandha tiġi miċħuda.

(63) Skont l-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq id-dħul mill-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, għax is-sussidju huwa assoċjat mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet iffabbrikati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(64) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 2,3 %.

5. **Skema tal-Kreditu għall-Esportazzjoni ("ECS")**

(a) *Bażi legali*

(65) Id-dettalji tal-iskema huma stabbiliti fiċ-Ċirkulari Prinċipali DBOD Nru DIR.(Exp).BC 01/04.02.02/2007-08 (Rupee/Foreign Currency Export Credit) u ċ-Ċirkulari Prinċipali DBOD Nru DIR.(Exp).BC 09/04.02.02/2008-09 (Rupee/Foreign Currency Export Credit) tar-Reserve Bank of India ("RBI"), li hija indirizzata lill-banek kummerċjali kollha fl-Indja.

(b) *Eliġibbiltà*

(66) L-esportaturi li jimmanifatturaw u n-negozjanti esportaturi huma eliġibbli għal din l-iskema.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

(67) Skont din l-iskema, ir-RBI jiffissa b'mod obbligatorju l-limiti massimi ta' rati ta' interess applikabbli għall-krediti għall-esportazzjoni, kemm fir-rupee Indjan u f'muniti barranin, li l-banek kummerċjali jistgħu jiċċarġjaw lill-esportatur. L-ECS jikkonsisti f'żewġ sottoskemi, l-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni Qabel l-Oġġetti Jintbagħtu Barra ("kreditu għall-ippakkjar"), li tkopri krediti provduti lil esportatur għall-iffinanzjar tax-xiri, ipproċessar, manifattur, imballaġġ u/jew trasport ta' prodotti qabel l-esportazzjoni, u l-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni Wara li l-Oġġetti Jintbagħtu Barra, li tipprovdi għal self ta' kapital ċirkolanti bl-iskop li wieħed jaħdem bih sakemm jidħol il-ħlas tal-oġġetti esportati. Ir-RBI ordna lill-banek ukoll biex jipprovdu ċertu ammont mill-kreditu bankarju nett tagħhom għall-iffinanzjar tal-esportazzjoni.

(68) Bħala riżultat taċ-Ċirkulari Prinċipali tar-RBI, l-esportaturi jistgħu jiksbu krediti għall-esportazzjoni b'rati ta' interess preferenzjali meta mqabbla mar-rati ta' interess għall-kreditu kummerċjali ordinarji ("kreditu f'kontanti"), li huma ffissati purament skont il-kundizzjonijet tas-suq. Id-differenza fir-rati tista' tonqos għal kumpaniji bi klassifikazzjoni tajba tal-kreditu. Kumpaniji bi klassifikazzjonijiet tajbin jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jiksbu krediti ta' esportazzjoni u kreditu fuq il-flus bl-istess kundizzjonijiet.

(69) Instab li l-applikant uża din l-iskema matul l-RIP.

(d) *Konklużjoni dwar l-ECS*

(70) Ir-rati ta' interessi preferenzjali ta' kreditu ECS stabbiliti miċ-Ċirkularijiet Prinċipali tar-RBI msemmija fil-premessa (65) jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tal-interessi ta' esportatur meta mqabbla mal-ispejjeż ta' kreditu stabbiliti purament mill-kundizzjonijiet tas-suq u li jikkonferixxu f'dan il-każ benefiċċju fit-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku fuq tali esportatur. Il-finanzjament ta' esportazzjoni mhuwiex per se iktar sigur mill-finanzjament domestiku. Huwa ġeneralment ikkunsidrat li huwa iktar riskjuż u l-firxa tas-sigurtà meħtieġa għal ċertu kreditu, irrispettivament mill-għan ta' finanzjar, hija deċiżjoni purament kummerċjali ta' bank kummerċjali partikolari. Differenzi fir-rati fir-rigward ta' banek differenti huma r-riżultat tal-metodoloġija tar-RBI li tistabbilixxi rati ta' self massimi għal kull bank kummerċjali individwalment.

(71) Minkejja li l-krediti preferenzjali skont l-ECS jingħataw mill-banek kummerċjali, dan il-benefiċċju huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-gvern fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li la l-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku u lanqas il-Ftehim dwar Sussdiji u Miżuri Kumpensatorji ma jirrikjedu miżati fuq il-kontijiet pubbliċi, pereżempju r-rimborż tal-banek kummerċjali mill-GTI, biex iwaqqaf sussidju, iżda direzzjoni tal-gvern biss biex jiġu esegwiti l-funzjonijiet imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iii) tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku. Ir-RBI huwa korp pubbliku u għalhekk jaqa' skont id-definizzjoni ta' "gvern" kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku. Huwa 100 % taħt il-pussess tal-gvern, isegwi għanijiet ta' politika pubblika, eż. politika monetarja, u l-maniġment tiegħu huwa maħtur mill-Gvern tal-Indja. Ir-RBI jidderieġi korpi privati, skont it-tifsir tat-tieni indent tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku, billi l-banek kummerċjali huma marbuta mill-kundizzjonijiet li jimponi, inter alia, fir-rigward tal-livelli massimi għal rati ta' interessi fuq krediti ta' esportazzjoni obbligatorji fiċ-Ċirkularijiet Prinċipali tar-RBI u d-dispożizzjonijiet tar-RBI li banek kummerċjali għandhom jipprovdu ċertu ammont ta' kreditu bankarju nett tagħhom lejn finanzjament ta' esportazzjoni. Din l-ordni tobbliga lil banek kummerċjali biex iwettqu funzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku, f'dan il-każ jipprovdi self fil-forma ta' finanzjament ta' esportazzjoni preferenzjali. Dan it-trasferiment dirett ta' fondi fil-forma ta' self skont ċerti kundizzjonijiet normalment jaqa' f'idejn il-gvern, u l-prattika fl-ebda sens reali ma hija differenti, minn prattiċi normalment segwiti mill-gvernijiet, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku. Dan is-sussidju huwa meqjus li hu speċifiku u kumpensatorju billi r-rati tal-interessi preferenzjali huma relatati mal-iffinanzjar tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni u għalhekk assoċjati mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel sottoparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(e) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(72) L-ammont ta' sussidju ġie kkalkolat fuq il-bażi tad-differenza bejn l-interessi mħallsa għal krediti ta' esportazzjoni użati matul il-perjodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni u l-ammont li kien ikun pagabbli għal krediti kummerċjali ordinarji użati mill-applikant. Dan l-ammont ta' sussidju (numeratur) kien allokat fuq id-dħul totali mill-esportazzjoni matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, għaliex is-sussidju huwa assoċjat mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet immanifatturati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(73) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 0,2 %.

### 6. **Pakkett ta' Skemi ta' Inċentivi (SPI)**

(a) *Bażi legali*

(74) F'investigazzjonijiet preċedenti rigward il-film tal-PET, inkluż l-investigazzjoni ta' reviżjoni li wasslu għall-impożizzjoni mir-Regolament (KE) Nru 367/2006 tad-dazju kumpensatorju definittiv preżentament fis-seħħ, diversi skemi tal-Istat Indjan li jinvolvu inċentivi mogħtija lil kumpaniji lokali kienu investigati. L-Iskemi tal-Istat jaqgħu taħt it-titlu "Pakkett ta' Skemi ta' Inċentivi" (SPI), billi jista' jkun hemm tipi differenti ta' inċentivi involuti. L-investigazzjoni stabbiliet li l-intitolament ta' kumpanija għal benefiċċji skont l-iskema hija stipulata fiċ-"Ċertifikat ta' Eliġibbiltà".

(75) Il-Pakkett ta' Skemi ta' Inċentivi (SPI) tal-Gvern ta' Maharashtra (GTM) ġie emendat diversi drabi mill-introduzzjoni tiegħu. L-applikant qed ikompli juża benefiċċji skont l-"Iskema 1993" tal-SPI, u mhux skont l-iskemi ta' wara. Konsegwentement, l-SPI 1993 biss ġie evalwat fil-kuntest ta' dan il-każ.

(76) L-iskema tal-bejgħ tat-Taxxa tar-Remissjoni tal-Gvern tal-Bengal tal-Punent tipprovdi għar-remissjoni tat-Taxxa fuq il-Bejgħ Ċentrali. L-investigazzjoni wriet li l-applikant kien ibbenefika minn eżenzjoni fuq it-taxxa tal-kummerċ (Taxxa fuq il-Bejgħ Ċentrali) skont l-SPI tal-Gvern tal-Bengal tal-Punent fir-rigward tax-xiri li għamel. Din id-dispożizzjoni tat-taxxa teżenta l-bejgħ fis-suq lokali ta' kumpanija mill-ħlas tat-taxxa fuq il-bejgħ (kemm taxxa tal-bejgħ lokali kif ukoll it-taxxa tal-bejgħ ċentrali).

(b) *Eliġibbiltà*

(77) Sabiex ikunu eliġibbli, il-kumpaniji għandhom bħala regola ġenerali jinvestu f'żoni inqas żviluppati ta' stat jew permezz tat-twaqqif ta' stabbiliment industrijali ġdid jew permezz tal-ħolqien ta' investiment kapitali fuq skala kbira f'espansjoni jew diversifikazzjoni ta' stabbiliment industrijali eżistenti. Il-kriterju ewlieni sabiex ikun stabbilit l-ammont ta' inċentivi huwa l-klassifikazzjoni taż-żona li fiha l-intrapriża hija jew għandha tkun lokalizzata u d-daqs tal-investiment.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

(78) Skont l-iskemi ta' eżenzjoni ta' taxxa tal-bejgħ, unitajiet magħżula ma kinux meħtieġa li jiġbru xi taxxa tal-bejgħ fuq it-tranżazzjonijiet tal-bejgħ tagħhom. B'mod simili, unitajiet magħżula kienu eżenti mill-ħlas tat-taxxa tal-bejgħ fuq ix-xiri ta' prodotti tagħhom minn fornituri eliġibbli għall-iskemi. Filwaqt li l-eżenzjoni fir-rigward tat-tranżazzjoni tal-bejgħ mhijiex ikkunsidrata li tagħti xi benefiċċju fuq l-unitajiet ta' bejgħ magħżula, l-eżenzjoni fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' xiri ta' oġġetti, madankollu, jagħti benefiċċju fuq l-unitajiet magħżula ta' xiri ta' oġġetti.

(79) L-eżenzjoni tal-bejgħ tat-taxxa fuq ix-xiri fl-Istat ta' Maharashtra (li qabel kien eżentat skont l-Iskemi ta' Inċentivi għall-Eżenzjoni mit-Taxxa tal-Bejgħ għall-Maharashtra – "Maharashtra Sales Tax Exemption Scheme of Incentives") ma għadhiex disponibbli. F'April 2005, il-leġiżlazzjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ għal bejgħ intra-Statali fil-Maharashtra nbiddlet b'sistema ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). B'effett minn April 2005, l-applikant, bħala unità mhux eżentat, għandu jixtri materjali billi jħallas il-VAT.

(d) *Konklużjoni*

(80) Fir-rigward tal-SPI 1993 tal-GTM, l-applikant kiseb biss drittijiet ta' remissjoni għat-taxxa fuq il-bejgħ ta' prodotti lesti matul il-PIR, li fl-imgħoddi nstab li ma kienx qed jikkonferixxi benefiċċju għar-reċipjent (il-premessa 144 tar-Regolament (KE) Nru 367/2006). Għalhekk, l-ebda benefiċċju kumpensatorju ma nstab skont l-SPI 1993 tal-GTM.

(81) Madankollu, fir-rigward tax-xiri ta' materja prima mingħajr il-ħlas ta' Taxxa tal-Bejgħ Ċentrali tal-applikant minn kumpaniji li ma jkunux jinsabu fl-Istat ta' Maharashtra, l-SPI jipprovdi sussidji fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. L-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxi tal-bejgħ fuq ix-xiri li jsir tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul tal-Gvern li kieku jkun dovut. Barra minn hekk, din l-eżenzjoni tagħti benefiċċju fuq il-kumpaniji billi ttejjeb il-likwidità tagħhom.

(82) L-SPI huwa disponibbli biss għal kumpaniji li investew f'ċerti żoni ġeografiċi magħżula fil-ġurisdizzjoni ta' Stat fl-Indja. Mhux disponibbli għal kumpaniji lokalizzati barra minn dawn iż-żoni. Il-livell ta' benefiċċju huwa differenti skont iż-żona kkonċernata. L-iskema hija għalhekk speċifika skont l-Artikolu 4(2), l-ewwel sottoparagrafu, il-punt (a) u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament bażiku u għalhekk hija kumpensatorja.

(e) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(83) Rigward l-eżenzjoni tat-taxxa tal-bejgħ, l-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-ammont ta' taxxa tal-bejgħ normalment dovut matul il-PIR iżda li baqgħet ma tħallsitx.

(84) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju (numeratur) kien imbagħad allokat fuq id-dħul mill-esportazzjoni totali u bejgħ domestiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni bħala d-denominatur xieraq, għax is-sussidju mhux assoċjat mal-esportazzjoni u ma ngħatax permezz ta' referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(85) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 0,1 %.

7. **Ammont ta' sussidji kumpensatorji**

(86) Huwa mfakkar li r-Regolament (KE) Nru 1124/2007, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006, stabbilixxa l-ammont ta' sussidji kumpensatorji għall-applikant, espressi ad valorem, fi 17,1 %.

(87) Matul ir-reviżjoni interim parzjali preżenti, l-ammont ta' sussidji kumpensatorji għall-applikant, espressi ad valorem, instab li kien ta' 8,4 %, kif imniżżel hawn taħt:

| SKEMA→ | AAS (*) | DEPBS (*) | EPCGS (*) | ECS (*) | SPI | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| KUMPANIJA ↓ | % | % | % | % | % | % |
| Jindal Poly Films Limited | 0,7 | 5,1 | 2,3 | 0,2 | 0,1 | 8,4 |

(*) Sussidji mmarkati bi stilla huma sussidji ta' esportazzjoni.

(88) Wara li tqies dan ta' hawn fuq il-konklużjoni kienet li l-livell ta' sussidju fir-rigward tal-uniku produttur esportatur ikkonċernat naqas.

8. **Miżuri kumpensatorji**

(89) Ġie eżaminat ukoll jekk iċ-ċirkostanzi mibdula fir-rigward tal-iskemi eżaminati jistgħux jiġu kkunsidrati li huma ta' natura dejjiema. F'dan ir-rigward, bosta elementi jissuġġerixxu li dan huwa l-każ.

(90) L-ewwelnett, għandu jiġi nnotat li s-sejbiet f'din ir-reviżjoni interim parzjali huma konformi mal-ammonti ta' sussidju stabbiliti għal ħames produtturi Indjani tal-film tal-PET fir-reviżjoni interim parzjali ppubblikata f'Jannar 2009, fejn l-ammont ta' sussidji kumpensatorji, espressi ad valorem, instab li kien ivarja minn 5,4 % sa 8,6 %. Din hija indikazzjoni ta' ċerta kostanza, matul il-livell tas-sussidju eżistenti fl-Indja għal dan il-prodott.

(91) It-tieni nett, filwaqt li fl-investigazzjoni preċedenti l-benefiċċju ewlieni kien mogħti skont l-AAS, il-benefiċċju skont din l-iskema naqas b'mod sinifikanti matul il-PIR u l-evidenza miksuba turi li dan se jkompli jkun il-każ ukoll wara l-PIR.

(92) Abbażi ta' dak li jidher hawn fuq, hemm indikazzjonijiet li l-applikant se jkompli jirċievi s-sussidji fil-futur ta' ammont li jkun inqas minn dak stabbilit fl-investigazzjoni preċedenti tar-reviżjoni interim parzjali.

(93) Ladarba ġie determinat li l-applikant qed jirċievi sussidjar ħafna inqas minn qabel u li x'aktarx ikompli jirċievi sussidji f'ammont li jkun inqas minn dak determinat fl-investigazzjoni preċedenti tar-reviżjoni interim parzjali, il-livell tal-miżura għandu għalhekk ikun emendat biex jirrifletti s-sejbiet ġodda.

(94) Fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, ir-rata emendata tad-dazju kumpensatorju għandha tiġi stabbilita bir-rata l-ġdida ta' sussidjar misjuba matul ir-reviżjoni interim parzjali preżenti, billi l-marġni ta' ħsara kkalkulat fl-investigazzjoni kontra s-sussidji oriġinali għadu għoli.

(95) Skont l-Artikolu 24(1), it-tieni sottoparagrafu tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], l-ebda prodott ma għandu jkun suġġett la għal dazju anti-dumping u dazji kumpensatorji għall-fini li tiġi ttrattata l-istess sitwazzjoni waħda li ġejja minn dumping jew issussidjar għall-esportazzjoni. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (6) hawn fuq, billi l-applikant huwa suġġett għal dazju anti-dumping ta' 0 % fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx fil-każ preżenti.

(96) Fir-rigward tar-rata ta' dazju applikabbli bħalissa għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi mhux imsemmija individwalment fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 367/2006, jiġifieri d-dazju speċifikat bħala applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Indja, qed jiġi nnutat li l-modalitajiet attwali tal-iskemi investigati u l-kumpens tagħhom ma nbidlux fir-rigward tal-investigazzjoni preċedenti. Għalhekk ma hemmx raġuni biex ikun ikkalkulat mill-ġdid is-sussidju u r-rati tad-dazju ta' dawn il-kumpaniji. Konsegwentement, ir-rati tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji kollha minbarra l-applikant ma jinbidlux,

[1] ĠU L 343, 22.12.2009 p. 51.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 367/2006 għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

"2. Ir-rata ta' dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti manifatturati mill-kumpaniji elenkati iktar 'l isfel, għandu jkun kif ġej:

| Kumpanija | Dazju definittiv (%) | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Ester Industries Limited, 75-76, Amrit Nagar, Behind South Extension Part-1, New Delhi 110 003, India | 7,2 | A026 |
| Garware Polyester Limited, Garware House, 50-A, Swami Nityanand Marg, Vile Parle (East), Mumbai 400 057, India | 5,4 | A028 |
| Jindal Poly Films Limited, 56 Hanuman Road, New Delhi 110 001, India | 8,4 | A030 |
| MTZ Polyfilms Limited, New India Centre, 5th Floor, 17 Co-operage Road, Mumbai 400 039, India | 8,7 | A031 |
| Polyplex Corporation Limited, B-37, Sector-1, Noida 201 301, Dist. Gautam Budh Nagar, Uttar Pradesh, India | 8,6 | A032 |
| SRF Limited, Block C, Sector 45, Greenwood City, Gurgaon 122003, Haryana, India | 5,4 | A753 |
| Uflex Limited, A-1, Sector 60, Noida 201 301 (U.P.), India | 6,4 | A027 |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 19,1 | A999" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. ESPINOSA

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 580/2010

## tad-29 ta' Ġunju 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 452/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw, *inter alia*, mill-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Miżuri fis-seħħ

(1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 452/2007 [2], ("ir-Regolament oriġinali") impona dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' mwejjed tal-mogħdija tal-ħwejjeġ li joriġinaw, *inter alia*, mill-Ukraina. Il-miżuri jikkonsistu minn dazju ad valorem b'rata ta' 9,9 %.

#### 1.2. Talba għal reviżjoni

(2) F'Awwissu tal-2008, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku ("ir-reviżjoni interim"). Din tlestiet f'Diċembru 2008. It-talba, li kienet limitata fl-ambitu għall-eżami ta' dumping, tressqet minn produttur esportatur mill-Ukraina, Eurogold Industries Ltd. ("EGI" jew "l-applikant"). L-applikant ikkoopera fl-investigazzjoni li wasslet għas-sejbiet u l-konklużjonijiet stipulati fir-Regolament oriġinali ("l-investigazzjoni oriġinali"). Id-dazju anti-dumping applikabbli għall-applikant, li huwa l-uniku produttur esportatur magħruf tal-prodott ikkonċernat fl-Ukraina, huwa ta' 9,9 %.

(3) Fit-talba tiegħu, l-applikant qal li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom il-miżuri eżistenti kienu ġew stabbiliti, inbidlu, u li dawn il-bidliet huma ta' natura permanenti. L-applikant ipprovda evidenza prima facie li l-impożizzjoni ssuktata tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex meħtieġa biex tagħmel tajjeb għad-dumping.

#### 1.3. It-tnedija tar-reviżjoni

(4) Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' reviżjoni interim, il-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata fl-ambitu għall-eżami ta' dumping sa fejn għandu x'jaqsam l-EGI. Il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' tnedija fid-9 ta' April 2009 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3] ("Avviż ta' tnedija") u tat bidu għal investigazzjoni.

#### 1.4. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili

(5) Il-prodott ikkonċernat mir-reviżjoni interim huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri mwejjed tal-mogħdija, bis-saqajn jew mingħajrhom, bil-fwar u/jew bil-wiċċ isaħħan u/jew li jonfoħ jew mingħajrhom, inklużi t-twavel għall-mogħdija tal-kmiem u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri, is-saqajn, il-wiċċ u fejn titpoġġa l-ħadida, li joriġinaw fl-Ukraina u li attwalment għandhom il-kodiċi NM ex 3924 90 00, ex 4421 90 98, ex 7323 93 90, ex 7323 99 91, ex 7323 99 99, ex 8516 79 70 u ex 8516 90 00.

(6) Il-prodott li huwa prodott u mibjugħ fl-Ukraina u dak esportat lejn l-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi u għalhekk meqjusa li huma simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

#### 1.5. Il-partijiet ikkonċernati

(7) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-industrija tal-Unjoni, l-applikant u l-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur li kien ingħata bidu għal din ir-reviżjoni interim. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu fehmiethom bil-miktub u li jinstemgħu.

(8) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant u rċeviet tweġiba qabel ma' skorriet id-data tal-iskadenza ffissata għal dak l-għan. Il-Kummissjoni fittxet li tivverifika l-informazzjoni kollha li deherilha hija neċessarja biex tiddetermina d-dumping, filwaqt li twettqet żjara ta' verifika fil-kwartieri tal-applikant:

— Eurogold Industries Ltd., Zhitomir, l-Ukraina;

— u l-kumpanija tagħha relatata Eurogold Service Zumbühl & Co., Zug fl-Isvizzera ("EGS").

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 109, 26.4.2007, p. 12.
[3] ĠU C 85, 9.4.2009, p. 28.

### 1.6. **Il-perjodu ta' investigazzjoni**

(9) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2008 (il-"perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"IP").

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

### 2.1. **Valur normali**

(10) Għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali l-ewwel ġie stabbilit jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-EGI tal-prodott simili kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-volum tal-bejgħ totali tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-bejgħ domestiku hu kkunsidrat rappreżentattiv meta l-volum totali tal-bejgħ domestiku ikun mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Instab li l-bejgħ globali mill-EGI tal-prodott simili fuq is-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(11) Għal kull tip mibjugħ mill-EGI fis-suq lokali tiegħu u misjub li huwa komparabbli direttament mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, ġie stabbilit jekk il-bejgħ lokali kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-għanijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari kien ikkunsidrat rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-IP rrappreżenta mill-inqas 5 % jew aktar tal-volum totali ta' bejgħ tat-tip ta' prodott komparabbli esportat lill-Unjoni.

(12) Sussegwentement ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' dan it-tip ta' prodott jistax jitqies bħala bejgħ li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ domestiku profittabbli lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku ta' kull tip tal-prodott ikkonċernat esportat matul il-IP.

(13) Għal dawk it-tipi ta' prodotti li jaqbżu l-volum ta' 80 % ta' bejgħ fuq is-suq domestiku tat-tip tal-prodott kienu 'l fuq mill-kost u l-prezz tal-bejgħ medju ppeżat ta' dak it-tip kien l-istess jew iktar mill-prezz tal-unità tal-produzzjoni, il-valur normali, bit-tip tal-prodott, ġie kkalkulat bħala l-piż differenzjat tal-prezzijiet domestiċi propji tal-bejgħ kollu tat-tip ikkonċernat, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le.

(14) Meta l-ammont ta' bejgħ bi qligħ ta' tip ta' prodott kien jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip, jew meta l-prezz medju differenzjat ta' dak it-tip kien inqas mill-ispiża unitarja tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, li ġie kkalkulat bħala l-prezz medju differenzjat tal-bejgħ domestiku profittabbli biss tat-tip magħmul matul il-IP.

(15) Kulfejn il-prezzijiet domestiċi ta' tip ta' prodott partikolari mibjugħ minn produttur esportatur ma setgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, il-valur normali kellu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(16) Meta jinbena l-valur normali skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, l-ammonti għall-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ u għall-profitti ġew imsejsa, skont l-ewwel subparagrafu introduttorju tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, fuq id-dejta effettiva marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili, mill-EGI.

(17) Wara l-iżvelar tas-sejbiet, l-EGI ddikjara li r-rata ta' persentaġġ għall-ispejjeż ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi, li kienet intużat meta ġie kostrutt il-valur normali, ma tikkorrispondix għal dak fir-rigward tal-bejgħ domestiku li sar fl-andament normali tal-kummerċ u li, konsegwentement, ċerti valuri normali kienu esaġerati f'dan ir-rigward.

(18) It-talba ġiet eżaminata, iżda nstab li ma kellhiex bażi minħabba li r-rata ta' persentaġġ għall-ispejjeż ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi li ntużat hija dik irrapportata fil-bejgħ domestiku u hija l-istess irrispettivament min jekk sarx bejgħ jew le fl-andament normali tal-kummerċ, billi hija espressa bħala persentaġġ tal-fatturat. Il-talba hija għalhekk irrifjutata.

### 2.2. **Prezz ta' esportazzjoni**

(19) L-EGI għamel il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jew b'mod dirett lil konsumaturi indipendenti jew permezz tal-EGS, il-kumpanija relatata tiegħu, li tinsab fl-Isvizzera.

(20) Fejn il-bejgħ mill-esportazzjoni lill-Unjoni sar direttament lil klijenti indipendenti, il-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-prezzijiet li effettivament tħallsu jew jistgħu jitħallsu għall-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(21) Meta l-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jsir permezz tal-kumpanija relatata, l-EGS, li wettqet il-ħidmiet kollha ta' importazzjoni relatati mal-prodotti li jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni libera fil-Unjoni, jiġifieri dak ta' importatur relatat, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, abbażi tal-prezzijiet li bihom il-prodotti importati nbiegħu mill-ġdid għall-ewwel darba lil xerrej indipendenti. Għal dan il-għan, saru aġġustamenti biex jitqies l-infiq kollu, li jkun sar bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u għall-profitti li akkumulaw, sabiex jiġi stabbilit prezz għall-esportazzjoni affidabbli. Għal dan il-għan, fl-assenza ta' tagħrif ġdid minn importaturi indipendenti dwar il-profitti akkumulati, sar użu mill-istess persentaġġ ta' profitt li ntuża fl-investigazzjoni oriġinali.

(22) L-EGI ddikjara, skont l-Artikolu 11(10) tar-Regolament bażiku, li jekk il-prezz ta' esportazzjoni jiġi stabbilit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, id-dazju anti-dumping li jitħallas ma għandux jitnaqqas bħala nfiq, minħabba, qalu huma, li huwa rifless fil-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid.

(23) F'dan ir-rigward, ġiet eżaminata l-evidenza li ssostni d-dikjarazzjoni, li tikkonsisti minn għadd ta' kalkoli ta' prezzijiet tal-bejgħ. Madankollu, il-kalkoli pprovduti kkonċernaw biss ftit mill-mudelli li nbigħu waqt il-IP u wrew li l-prezz tal-bejgħ ma jirriflettix bis-sħiħ id-dażju anti-dumping fil-każijiet kollha. B'konsegwenza ta' dan, l-evidenza pprovduta ma nstabitx li kienet konklużiva dwar jekk id-dazju tal-anti-dumping kienx rifless fil-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid. Id-dikjarazzjoni għalhekk ġiet irrifjutata, u meta ġie stabbilit il-prezz għall-esportazzjoni għall-bejgħ fl-Unjoni li saret permezz tal-EGS skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, id-dazju tal-anit-dumping tnaqqas bħala nfiq.

(24) Wara l-iżvelar tas-sejbiet, l-EGI rrepeta t-talba tiegħu. Madankollu, l-ebda evidenza ġdida jew argumenti ma tressqu biex isostnu din it-talba. It-talba hija għalhekk irrifjutata.

### 2.3. **Tqabbil**

(25) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tqabblu fuq bażi ta' ex fabbrika. Għall-iskop li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, ittieħed kont xieraq, f'għamla ta' aġġustamenti, tad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport l-ispejjeż ta' imballaġġ, l-ispejjeż ta' kreditu, kummissjonijiet, fejn dawn kienu applikabbli u ġġustifikati, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(26) Wara l-iżvelar tas-sejbiet, instab żball fil-kalkolu li involva l-konverżjoni inkorretta tal-iskambju ta' ċerti allokazzjonijiet għall-ispejjeż tal-imballaġġ. Dan ġie korrett u l-kalkolu tal-marġini tad-dumping ġie rrevedut skont dan.

(27) Barra minn hekk, wara l-iżvelar tas-sejbiet, l-EGI ddikjara li meta l-valur normali ġie kostrutt, l-allokazzjonijiet irrapportati fir-rigward tal-bejgħ domestiku li mhumiex fl-andament normali tal-kummerċ, ma għandhomx jitqiesu u fl-assenza ta' bejgħ ieħor, għandhom jintużaw l-allokazzjonijiet medji għal bejgħ ta' tipi oħra ta' prodotti li jkunu saru fl-andament normali tal-kummerċ, għaliex dawn tal-aħħar biss jirriflettu l-ispejjeż li kienu ġew inklużi fl-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ użati biex jiġi kostrutt il-valur normali.

(28) It-talba ġiet eżaminata, iżda mhux aċċettata għax billi l-allokazzjonijiet qed jintużaw għal għanijiet ta' tqabbil biss u normalment jirriflettu l-ispejjeż effettivi speċifiċi għal kull tranżazzjoni, dawn huma element oġġettiv u għalhekk indipendenti minn jekk il-bejgħ finalment sarx jew le fl-andament normali tal-kummerċ.

(29) Barra minn hekk, filwaqt li ġiet eżaminata din it-talba instab li ntużaw allokazzjonijiet inkorretti meta ġew kostruwiti l-valuri normali fil-każ ta' dawk it-tipi ta' prodotti li għalihom ma hemmx bejgħ domestiku. Dan ġie korrett billi ntużaw allokazzjonijiet medji kumplessivi tal-bejgħ, u l-kalkolu ġie emendat skont dan. L-EGI ddikjara li għandhom jingħataw allokazzjonijiet għall-ispejjeż ta' kreditu għal dawn it-tipi ta' prodotti, billi l-ispejjeż ta' kreditu ġew inklużi fl-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ użati biex jiġi kostrutt il-valur normali. Din it-talba ġiet irrifjutata għax it-tipi ta' prodotti kkonċernati effettivament qatt ma nbiegħu fis-suq domestiku u għalhekk ma kien hemm l-ebda evidenza li l-ħlas tagħhom ġie differit. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-allokazzjoni tal-ispejjeż ta' kreditu mhijiex imsejsa fuq l-ispejjeż u t-termini effettivi ta' ħlas, iżda fuq spiża ta' opportunità msejsa fuq it-termini ta' ħlas miftehma meta sar il-bejgħ.

### 2.4. **Marġini tad-dumping**

(30) Kif stipulat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur medju normali differenzjat skont it-tip ġie mqabbel mal-prezz medju differenzjat tal-esportazzjonijiet tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat. Dan it-tqabbil wera l-eżistenza ta' dumping.

(31) Dan il-marġini ta' dumping għall-EGI espress bħal perċentwal tal-prezz nett ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni, mingħajr dazju mħallas huwa ta' 7 %.

(32) Bi qbil mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat ukoll jekk kienx raġonevoli li wieħed iqis li ċ-ċirkustanzi mibdula għandhom natura permanenti.

(33) L-organizzazzjoni strutturali tal-kanali tal-bejgħ tal-applikant u l-kumpanija relatata tagħha issa hija stabbilita sew għall-maġġoranza tal-bejgħ tagħha u tista' titqies dejjiema. Għalhekk, iċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tnedija ta' din ir-reviżjoni interim aktarx li ma jinbidlux fil-futur prevedibbli b'mod li jaffettwaw is-sejbiet tar-reviżjoni interim. Barra minn hekk, ma ħareġ l-ebda element fl-andament tal-investigazzjoni li ssuġġerixxa li ċ-ċirkostanzi ġodda ma kinux dejjiema. Għalhekk, ġie konkluż li ċ-ċirkustanzi mibdula huma ta' natura dejjiema.

## 3. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(34) Fl-investigazzjoni oriġinali l-EGI nstab li kien l-uniku produttur tal-imwejjed tal-mogħdija mill-Ukraina. Il-metodoloġija li ntużat biex tiddetermina l-marġni tad-dumping għall-EGI għalhekk intuża biex jiġi stabbilit il-marġini ta' dumping għal produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat.

(35) Fid-dawl tar-riżultati ta' din l-investigazzjoni tar-reviżjoni, jitqies xieraq li d-dazju anti-dumping applikabbli fuq l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat minn Power Team jiġi emendat għal 7 %.

(36) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom għandu jiġi propost it-tmiem tar-reviżjoni mingħajr emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 452/2007 li jimponi dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina, *inter alia,* fl-Ukraina u ngħataw l-opportunità biex jikkummentaw. Il-kummenti tagħhom tqiesu fejn xieraq u huma riflessi kif dovut f'dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-linja li tikkonċerna l-kumpaniji kollha fl-Ukraina fit-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 452/2007 għandha tiġi sostiwita minn din li ġejja:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "L-Ukraina | Il-kumpaniji kollha | 7 | —" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. ESPINOSA

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 581/2010

## tal-1 ta' Lulju 2010

## dwar il-perjodi massimi għat-tniżżil ta' dejta rilevanti mill-unitajiet tal-vetturi u minn kards tas-sewwieqa

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 ([1]) u partikularment l-Artikolu 10(5)(c) tiegħu,

Billi:

(1) Jeħtieġ tniżżil regolari ta' dejta rreġistrata mill-unità tal-vettura u fuq il-kard tas-sewwieq sabiex ikun possibbli kontroll effikaċi tal-konformità tas-sewwieq u tal-impriża mad-dispożizzjonijiet dwar ħinijiet tas-sewqan u perjodi ta' mistrieħ kif stipulati bir-Regolament (KE) Nru 561/2006.

(2) Billi jiġi determinat il-perjodu massimu li fih id-dejta rilevanti trid titniżżel mill-unità tal-vettura u l-kard tas-sewwieq, jistgħu jkunu aktar armonizzati l-kundizzjonijiet għat-trasport bit-triq fl-Unjoni kollha.

(3) Għad-determinazzjoni tal-perjodi massimi li fihom għandha titniżżel id-dejta, il-ġranet b'attività rreġistrata biss għandhom jiġu kkalkulati.

(4) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [dejta] ([2]) tapplika għall-ipproċessar ta' dejta personali li jsir skont dan ir-Regolament.

(5) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-impriżi, huwa xieraq li tiġi ddefinita d-dejta rilevanti li trid titniżżel.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistipula l-perjodi massimi li fihom id-dejta rilevanti għandha titniżżel mill-unità tal-vettura u l-kard tas-sewwieq għall-finijiet tal-Artikolu 10(5)(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "dejta rilevanti" tfisser kwalunkwe dejta rreġistrata mit-takografu diġitali għajr id-dejta dettaljata tal-veloċità.

3. Il-perjodu massimu li fih għandha titniżżel id-dejta rilevanti ma għandux jaqbeż:

(a) 90 jum għal dejta mill-unità tal-vettura;

(b) 28 jum għal dejta mill-kard tas-sewwieq.

4. Id-dejta rilevanti għandha titniżżel b'tali mod li ebda dejta ma tintilef.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mid-90 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

([3]) ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 582/2010

## tal-1 ta' Lulju 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 56,2 |
| | MK | 36,4 |
| | TR | 50,2 |
| | ZZ | 47,6 |
| 0707 00 05 | MK | 45,6 |
| | TR | 121,6 |
| | ZZ | 83,6 |
| 0709 90 70 | TR | 103,7 |
| | ZZ | 103,7 |
| 0805 50 10 | AR | 79,8 |
| | TR | 97,3 |
| | UY | 91,0 |
| | ZA | 98,0 |
| | ZZ | 91,5 |
| 0808 10 80 | AR | 102,2 |
| | BR | 70,8 |
| | CA | 118,4 |
| | CL | 113,8 |
| | CN | 84,3 |
| | NZ | 122,9 |
| | US | 162,8 |
| | ZA | 98,8 |
| | ZZ | 109,3 |
| 0809 10 00 | TR | 234,1 |
| | ZZ | 234,1 |
| 0809 20 95 | TR | 307,6 |
| | ZZ | 307,6 |
| 0809 30 | AR | 133,5 |
| | TR | 158,2 |
| | ZZ | 145,9 |
| 0809 40 05 | AU | 258,9 |
| | IL | 210,4 |
| | US | 110,3 |
| | ZZ | 193,2 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Ġunju 2010**

**dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal programmi nazzjonali ta' ċerti Stati Membri fl-2010 għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta fis-settur tas-sajd**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3797)*

(2010/369/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistipula l-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jirċievu kontribuzzjoni mill-Unjoni Ewropea għal spejjeż imġarrba mill-programmi nazzjonali tagħhom għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta.

(2) Dawk il-programmi jridu jitfasslu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] ([2]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 tal-14 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ([3]).

(3) Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Finlandja ressqu l-programmi nazzjonali għall-2009-2010 kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008. Dawn il-programmi ġew approvati fl-2009 skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008.

(4) Dawk l-Istati Membri ssottomettew il-previżjonijiet baġitarji annwali tagħhom għall-perjodu 2009-2010 skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1078/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 ([4]). Il-Kummissjoni evalwat il-previżjonijiet baġitarji annwali tal-Istati Membri, kif stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008, billi qieset il-programmi nazzjonali approvati skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008.

(5) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tapprova l-previżjoni baġitarja annwali u għandha tiddeċiedi fuq il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni għal kull programm nazzjonali skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u abbażi tar-rizultat tal-evalwazzjoni tal-previżjonijiet baġitarji annwali kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008.

(6) L-Artikolu 24(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistabbilixxi li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament jipprovdi li miżuri finanzjarji tal-Unjoni fil-qasam tal-ġbir tad-dejta bażika ma għandhomx jaqbżu l-50 % tal-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri fit-twettiq tal-programm ta' ġbir, ġestjoni u użu ta' dejta fis-settur tas-sajd. L-Artikolu 24(2) jistipula li għandha tingħata prijorità lill-azzjonijiet li l-aktar huma xierqa biex jittejjeb il-ġbir tad-dejta meħtieġa għall-Politika Komuni tas-Sajd.

(7) Din id-Deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]).

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

([1]) ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 186, 15.7.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 295, 4.11.2008, p. 24.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammont massimu globali tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni li se jingħata lil kull Stat Membru għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta’ dejta fis-settur tas-sajd għall-2010, u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja, huma stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta’ Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Maria DAMANAKI

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## PROGRAMMI NAZZJONALI 2009-2010

## IN-NEFQA ELIĠIBBLI U L-KONTRIBUZZJONI MASSIMA KOMUNITARJA GĦALL-2010

*(f'EUR)*

| Stat Membru | In-nefqa eliġibbli | Il-kontribuzzjoni Massima Komunitarja (Rata ta' 50 %) |
|---|---|---|
| Il-Belġju | 1 649 816,00 | 824 908,00 |
| Il-Bulgarija | 404 210,00 | 202 105,00 |
| Id-Danimarka | 6 001 601,00 | 3 000 800,50 |
| Il-Ġermanja | 6 470 425,00 | 3 235 212,50 |
| L-Estonja | 618 043,00 | 309 021,50 |
| L-Irlanda | 6 954 948,00 | 3 477 474,00 |
| Il-Greċja | 4 307 365,00 | 2 153 682,50 |
| Spanja | 15 144 263,00 | 7 572 131,50 |
| L-Italja | 6 956 797,00 | 3 478 398,50 |
| Ċipru | 575 033,00 | 287 516,50 |
| Il-Latvja | 318 109,00 | 159 054,50 |
| Il-Litwanja | 219 792,00 | 109 896,00 |
| Malta | 600 263,00 | 300 131,50 |
| Il-Polonja | 1 141 259,00 | 570 629,50 |
| Il-Portugall | 3 476 673,00 | 1 738 336,50 |
| Ir-Rumanija | 584 788,00 | 292 394,00 |
| Is-Slovenja | 211 015,00 | 105 507,50 |
| Il-Finlandja | 1 595 842,00 | 797 921,00 |
| TOTAL | 57 230 242,00 | 28 615 121,00 |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-1 ta’ Lulju 2010

## dwar l-allokazzjoni lil Spanja ta’ jiem addizzjonali fuq il-baħar fit-Taqsimiet VIIIc u IXa tal-ICES bl-eċċezzjoni tal-Golf ta’ Cadiz

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4330)*

**(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)**

(2010/370/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta’ Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f’ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid [1], u b’mod partikolari l-punt 9 ta’ Anness IIB tiegħu,

Billi:

(1) Il-punt 7 tal-Anness IIB għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 jispeċifika l-għadd massimu ta’ ġranet li fihom bastimenti tal-Unjoni ta’ tul totali ta’ 10 metri jew aktar u li jġorru abbord xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkapti simili b’malji ta’ 32 mm jew akbar u pariti b’malji ta’ 60 mm jew akbar u konzijiet tal-qiegħ, jistgħu ikunu preżenti fit-taqsimiet VIIIc u IXa tal-ICES, bl-eċċezzjoni tal-Golf ta’ Cadiz, mill-1 ta’ Frar 2009 sal-31 ta’ Jannar 2010.

(2) Il-punt 9 tal-Anness IIB jippermetti li l-Kummissjoni talloka numru ta’ ġranet addizzjonali fuq il-baħar fejn bastiment jista’ jkun preżenti fiż-żona ġeografika, meta jkun qed iġorr irkaptu bħal dan, abbażi tal-waqfiet permanenti tal-attivitajiet tas-sajd li saru mill-1 ta’ Jannar 2004 ’l hawn.

(3) Fil-11 ta’ Novembru 2009, Spanja ressqet dejta li turi li tnax-il bastiment tas-sajd waqfu mill-attivitajiet tagħhom mill-1 ta’ Jannar 2004 ’l hawn. Fid-dawl tad-dejta mressqa u l-metodu tal-kalkolu stipulat fil-punt 9.1 tal-Anness IIB, għandhom jiġu allokati lil Spanja disat ijiem addizzjonali fuq il-baħar għal bastimenti li jġorru abbord l-irkapti tas-sajd speċifikati fil-punt 3 tal-istess Anness, għall-perjodu mill-1 ta’ Frar 2009 sal-31 ta’ Jannar 2010.

(4) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

L-għadd massimu ta’ jiem li fihom bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ Spanja u li jġorr abbord irkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 3 tal-Anness IIB għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 u ma hu suġġett għall-ebda waħda mill-kundizzjonijiet speċjali elenkati fil-punt 7.2 ta’ dak l-Anness jista’ jkun preżenti fit-Taqsimiet VIIIc u IXa tal-ICES, bl-eċċezzjoni tal-Golf ta’ Cadiz, kif stipulat fit-Tabella I ta’ dak l-Anness, għandhom jiġu emendati għal 184 jum fis-sena.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta’ Spanja.

Magħmul fi Brussell, 1 ta’ Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Maria DAMANAKI

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT